MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 354/1998/1

**Accountant General u d-Direttur tal-Kuntratti**

**Vs**

**Joseph Spiteri**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-atturi premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-konvenut kien intrabat li jibni sitt (6) substations f'oqsma industrijali differenti wara li l-attur kien accetta l-offerta maghmula mill-konvenut in segwitu ghall-Contracts Notice No. 472/95. L-ittra tat-tender tal-konvenut iggib id-data tas-16 ta' Novembru 1995;

Premess illi l-ittra ta' accettazzjoni relattiva kienet inharget fit-23 ta' Mejju 1996 (Letter of Acceptance 318/96);

Premess illi sussegwentement il-konvenut naqas li jwettaq l-obbligi kontrattwali minnu assunti bil-konsegwenza li l-attur kellu jaqa' fuq oblaturi ohra u jixtri minghandhom;

Premess illi bhala konsegwenza l-attur hallas l-ammont totali ta' hamest elef, disa' mija u sebgha u ghoxrin lira Maltija u sebghin centezmu (Lm5927.70);

Premess illi skond il-klawsola 22 tal-"General Conditions of Contract for the Supply of Materials and Other Articles" li jiffurmaw parti mill-kuntratt ta' bejn il-partijiet il-konvenut huwa responsabbli ghall-hlas tad-danni sofferti mill-attur bhala konsegwenza ta' l-inadempjenza tieghu;

Premess illi skond il-klawsola 45 tal-"General Conditions of Contract for the Execution of Works in Malta" hija dovuta s-somma ta' erba' mija u hamsin lira (Lm450) bhala penali, tletin lira (Lm30) kuljum ghal hmistax-il jum;

Talbu ghalhekk l-atturi lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenut inadempjenti fl-obbligi kontrattwali tieghu kif fuq spjegat u responsabbli ghall-hlas lill-atturi tad-danni minnhom konsegwentement sofferti;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi is-somma ta' sitt elef, tliet mija u sebgha u sebghin lira u sebghin centezmu (Lm6377.70) jew somma ohra verjuri li okkorrendo tigi minn din il-Qorti likwidata, ghar-ragunijiet premessi;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-17 ta' Frar 1997 kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess atturi u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat illi l-konvenut ghalkemm debitament notifikat bl-att tac-citazzjoni u bl-avviz tas-smigh tal-kawza, baqa' ma pprezentax in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tieghu;

Rat id-digriet tat-23 ta’ Gunju 1999 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi biex tigbor il-provi;

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:-

F'din l-istanza l-atturi qeghdin jitolbu l-hlas ta' danni u penali flimkien minghand il-konvenut, li baqa' kontumaci, minhabba l-inadempjenza tieghu li jezegwixxi l-kostruzzjoni ta' sitt (6) substations f'zoni industrijali;

Ghal dawk li huma provi dawn jistghu hekk jigu kompendjati:-

I. Fis-27 ta’ Ottubru 1995 harget sejha ghall-offerti fil-Gazzetta tal-Gvern in konnessjoni max-xoghlijiet fuq deskritti;

II. Fis-27 ta’ Novembru 1995 il-konvenut tefa’ l-offerta tieghu, kif indikat mid-dokument a fol. 16;

III. Fis-26 ta' Frar 1996 (fol. 7) id-Direttur tal-Kuntratti gharraf b’ittra lill-konvenut li l-offerta tieghu kienet giet accettata;

IV. F’din l-ittra l-konvenut gie infurmat illi x-xoghol fuq il-bini ta’ kull wahda mis-sub-stations kellu jkun ikkompletat zmien hmistax (15) il jum minn meta jinghata preavviz biex jibda x-xoghol. Data din li kellha tkun notifikata lilu aktar tard, kompriz dik dwar l-iffirmar tal-ftehim relattiv;

V. B’ittra tat-22 ta’ Marzu 1996 (fol. 76) u konformement mal-proviso tal-klawsola 15 tal-General Conditions of

Contract, il-konvenut gie avzat li hu kellu jibda x-xoghol fl-1 ta' April 1996;

VI. Billi dan ix-xoghol baqa' ma sarx u ma giex kompletat nonostante anke twissijiet dwar il-konsegwenzi ta' l-abbandun tax-xoghol l-attur Direttur tal-Kuntratti ddecieda li jassenja l-appalt lil terzi. Ara kopja ta' ittra datata 16 ta' Mejju 1996 (fol. 19);

VII. Fit-3 ta' Jannar 1997 (fol. 20) l-istess attur rega' kiteb lill-konvenut fejn interpellah jirrizarcixxi s-somma hemm mitluba f'danni u penali;

VIII. Skond Charles Ciantar (fol. 28), Principal Officer fid-Dipartiment tal-Kuntratti, l-ammont pretiz f'danni jikkorrispondi ghad-differenza bejn l-offerta tal-konvenut u dik tat-tieni offerent ghall-istess appalt;

M'ghandux ikun in kontestazzjoni l-fatt daqstant ovvju illi l-konvenut naqas li jottempera ruhu ma' l-obbligi li kellu jadempixxi konsegwenti ghall-accettazzjoni ta' l-offerta tieghu. Dawn l-obbligi kienu jikkonsistu billi jipprovdi garanzija bankarja u, fuq kollox, aktar importanti li jipprosegwi ghall-ezekuzzjoni tax-xoghol mill-ordni li nghatatlu;

Din l-inadempjenza iggorr maghha, f'termini ta' dritt, certi responsabilitajiet. Ghax kif jinsab ritenut "il-htija fil-kaz ta' inadempjenza ta' obbligazzjoni hija nsita fl-inadempjenza stess, ammenokke` l-parti inadempjenti ma tippruvax il-kaz fortuwitu jew il-forza magguri, jew raguni ohra ta' ezenzjoni mir-responsabilita`" - "**Nicola Callus et -vs- Nicolina Farrugia**", Appell Civili, 5 ta' Gunju 1959;

F'dan il-kaz il-konvenut ma ressaq l-ebda raguni bhal din li setghet teskulpah mir-responsabilita`;

Il-konsegwenzi ta' l-inadempjenza huma preskritti fil-klawsoli 23, 24, 25 u 28 tal-"General Conditions of Contract for the Execution of Works in Malta". *Inter alia*, dawn il-konsegwenzi jirrizolvu ruhhom f'deduzzjonijiet

mis-somma pattwita fil-kaz ta' ezekuzzjoni parzjali, it-telfien tal-garanzija bankarja, penalitajiet jew interpellazzjoni ghad-danni attwali effettivament subiti. Fil-kaz taht konsiderazzjoni l-pretiza ta' l-atturi tinkorpora fiha kemm reklam ghad-danni kif ukoll ghal penali. Dan ma hu xejn inkonswet anke ghaliex, kif akkolt mill-gurisprudenza, huwa lecitu l-patt tal-penali u tar-rizarciment tad-danni flimkien (**Vol. XXIX P I p 106**);

Dak li l-Qorti trid tezamina hu dan. F'sitwazzjoni bhal dik rizultanti fil-kaz *de quo* l-atturi *qua* appaltanti jistghux jiddomandaw in linea ta' danni kwalsiasi somma li huma jsostnu li nkorrew. Biex jinghad kollox imbaghad lanqas din il-prova ma saret b'mod tali li konvincevolment tissodisfa. La giet prodotta prova ta' l-offerta tat-tieni *tenderer* u lanqas prova tal-hlas li effettivament sarlu. In subjecta materja kull ma nsibu fl-atti processwali hi l-ittra tat-3 ta' Jannar 1997 (fol. 20) u d-deposizzjoni *viva* voce ta' Charlie Ciantar, li ma giet bl-ebda mod sorretta jew konfortata minn provi ohra kif fuq appena rilevat;

Issa in linea ta' massima generali hu pacifikament notorju illi d-danneggat ghandu d-dmir li jaghmel dak kollu li hu ragjonevoli biex inaqqas il-hsara. ("**John Xuereb –vs- James Edward Livick et**", Appell, Sede Inferjuri, 3 ta' Novembru 1956);

Dan ighodd kemm fir-rigward ta' danni *ex-delicto* kif ukoll dawk kontrattwali. Jibqa' dejjem "dmir tad-danneggat li jiehu l-mizuri kollha ragjonevoli biex jimmitiga t-telf li jkun garrab bhala konsegwenza ta' l-att illecitu ta' min ikkaguna l-hsara u ma jistax jirreklama in linea ta' danni kwalunkwe ammont li jkun dovut ghan-negligenza tieghu stess izda mhux obbligat jitghabba b'pizijiet biex jirreduci l-hsara. Il-kwistjoni ta' x'inhu ragjonevoli li jaghmel id-danneggat biex jimmitiga l-hsara hi kwestjoni ta' fatt li ghandha tigi konsiderata fic-cirkostanzi ta' kull kaz partikolari." ("**Joseph Aquilina –vs- Emmanuele Schembri**", Appell Civili, 24 ta' Jannar 1969; **Vol. XXXVII P I p 478; Vol. XXXVIII P I p 249**);

B’mod specifiku in tema ghal punt hawn ezaminat u trattat il-Qorti ta’ l-Appell, kolleggjalment komposta, kellha din xi tghid in rigward ta’ appalt tal-Gvern kommissjonat wara offerta, u fejn allura l-klawsola dibattuta kienet identika f’kull rispett ghall-klawsola 23(b) tal-General Conditions li fuqha l-atturi irpozaw il-pretensjoni taghhom.  Ara ittra tat-3 ta’ Jannar 1997 (fol. 20):-

“Il-fatt illi fil-klawsola fuq riportata jinghad generikament illi l-Gvern fl-ipotesi prospettata, kellu d-dritt jezigi minghand il-kuntrattur jew jiddeduci d-differenza tal-prezz li jkun hallas biex jitkompla x-xoghol, ma jfisserx illi l-Gvern seta’ jhallas kull gholi ta’ prezz, hu x’inhu u huma x’inhuma c-cirkostanzi u mbaghad jippretendi dak l-gholi minghand il-kuntrattur.  Seta’ l-Gvern ma kellux obbligu specifiku li jerga’ jsejjah offerti, kif qalet l-ewwel Qorti, imma hu dejjem kellu l-obbligu inerenti ghan-natura stess tad-dritt tar-rifuzjoni u insitu fit-teorija kollha tar-rizarciment tad-danni, illi jissodisfa l-Qorti li ghamel dak li ragjonevolment seta’ jsir fic-cirkostanzi biex in-nefqa ma tkunx eccessiva fil-kaz.  Kieku c-cirkostanzi kienu juru illi l-Gvern minhabba ragunijiet ta’ vera urgenza jew ragunijiet validi ohra, kien ragjonevolment kostrett li jaccetta l-prezz li hallas, allura l-kwestjoni kienet tkun xort’ohra.  Izda c-cirkostanzi ma juru xejn minn dan kollu.”

L-istess sentenza fl-ismijiet “**Emmanuele Cassar –vs- Onor. Dr. Giorgio Borg Olivier noe et**”, Appell Civili, 26 ta’ Jannar 1962, ziedet taggungi dan:-

“Fi kliem iehor, il-Qorti mhix tghid illi l-konvenuti ma ghandhomx dritt ghas-somma pretiza ghaliex il-prezz imhallas lil Pace (il-kuntrattur sostitwit) kien ghola minn dak ta’ l-attur; qeghda tghid biss illi huma ma ghandhomx dak id-dritt ghaliex ma ppruvawx b’ebda mod illi huma ma setghux ragjonevolment jissodisfaw il-bzonn taghhom ugwalment efficjentement u, skond ma kienu jezigu c-cirkostanzi, bi prezz orhos jew ugwali ghal dak ta’ l-attur. B’daqshekk il-Qorti ma timporta ebda restrizzjoni arbitrarja ghad-dritt rizervat mill-Gvern fil-klawsola fuq imsemmija, imma qeghda biss tinterpreta dik il-klawsola kif ghandu

ragjonevolment jitqies li ntendewha l-partijiet u fid-dawl tal-principji guridici gusti li jirregolaw relazzjoni simili.”

Il-Qorti hasset il-htiega li tikkwota fit-tul mid-decizjoni citata in kwantu din tiffoka fuq il-punt krucjali tad-danni reklamati u, in partikolari jekk l-atturi ressqux ragjonevolment dik il-prova hekk importanti ghal pjena sodisfazzjoni tal-Qorti. Dan bir-rispett kollu ghal posizzjoni ta’ l-atturi ma jidherx li sar f’dan il-kaz u in mankanza ta’ prova bhal din il-Qorti ma tistax, b’gustizzja, tikkundanna lill-konvenut ghas-somma mitluba in linea ta’ danni;

F’sitwazzjoni fejn konvenut ikun baqa’ kontumaci wiehed ghandu dejjem jiftakar illi l-istat kontumacjali ma jfissirx illi huwa abbanduna kull eccezzjoni li seta’ jaghti fil-kawza u ammetta d-domandi. Anzi, huwa mpellenti illi l-gudikant jezamina jekk it-talba hix gustifikata, indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut. (**Vol. XXIX P III p 35**);

Kwantu ghat-talba ghal penali ma jidherx li tista’ tezista ebda kontestazzjoni ghall-akkoljiment tas-somma domandata fit-termini ta’ klawsola 45 tal-“General Conditions”. Il-ligi nnifisha tistabbilixxi fil-Kapitolu 16 illi l-penali tista’ tigi ffissata jew biex jigi zgurat l-ezekuzzjoni tal-ftehim (Artikolu 1118), jew bhala rapprezentativa ta’ kumpens ghad-danni ghan-non-ezekuzzjoni ta’ l-obbligazzjoni (Artikolu 1120). Fuq is-suggett tghodd id-decizjoni fl-ismijiet “**Direttur tal-Kummerc –vs- Marie Louise Gatt**”, Appell, 5 ta’ Ottubru 1998.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tiddikjara li l-konvenut naqas milli jadempixxi l-obbligi kuntrattwali tieghu. In raguni pero` ghall-konsiderazzjonijiet fuq maghmula l-atturi ma ghandhomx id-dritt li qed jivvantaw ghad-danni minnhom reklamati billi dawn ma gewx minnhom sodisfacentement ippruvati;

Tilqa' t-Tieni Talba limitatament ghal penali u b'hekk tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' erba' mija u hamsin lira Maltija (Lm450) in linea ta' penali, bl-imghaxijiet mis-17 ta' Frar 1997, data ta' l-ittra ufficcjali;

L-ispejjez tal-kawza anke tenut rigward tac-cirkostanzi kollha f'dan il-kaz ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------